MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Numru. 34/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Piju Grech**

Numru: 34/2013

Illum 24 ta’ Setttembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Piju Grech**, ta’ erbghin (40) sena, iben Emanuel u Carmela neé Vella, imwieled Rabat, Ghawdex, fl-4 ta’ Frar 1973, u residenti 10, “Maria Assunta”, Triq tal-Masri, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita’ numru 4773(G), akkuzat

talli nhar id-9 ta’ Marzu 2013 ghall-habta 7.45 ta’ filghaxija, waqt li kien qieghed fil-Pjazza l-Vittorja, Xaghra, Ghawdex u/jew fil-vicanzi:

1. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ Francis David Caruana, liema hsara teccedi aktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47c), izda li ma taqbizx l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€ 1.164.69c);

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal persuna ta’ Francis David Caruana u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. C. Grech M.D. mill-Isptar Generali ta’ Ghawdex;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b’nuqqas ta’ hsieb, jew bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti nvolontarjament ikkaguna hsara fuq il-vettura tal-ghamla Mitsubishi Pajero bin-numru tar-registrazzjoni EMG 176 u dan a dannu ta’ Emanuel Grima u/jew persuni ohra;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, billi kien gie misjub hati b’sentenzi tal-Qorti ta’ Malta li saru definitivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Francis David Caruana u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. “C” – *a fol.* 22).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, li z-zewg kwerelanti kienu qed jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat tant li l-istess kwerelanti ghazlu li ma jixhdux f’dawn il-proceduri.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lill-*parte civile* jiddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fir-rigward tal-<u>ewwel</u> (1), tar-<u>raba’</u> (4) u tal-<u>hames</u> (5) imputazzjonijiet, tillibera lill-imputat, fuq nuqqas ta’ provi, u, fir-rigward tat-<u>tieni</u> (2) u tat-<u>tielet</u> (3) imputazzjonijiet, tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront taghhom *stante* rinunzja.

*In oltre*, il-Qorti, tenut kont ta’ dak li gie mismugh f’dawn il-proceduri, ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikoli 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet fil-konfront ta’ Francis David Caruana u Emanuel Grima.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------